MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 436/2021 LM

**Ronald Azzopardi (K.I. nru. 700661(M))**

***vs.***

1. **Avukat tal-Istat**
2. **Francis Bonello**
3. **MaryAnne née Cassar armla ta' Francesco Attard**
4. **Janette mart Johnny Agius**
5. **Miguel Attard**
6. **Carmela mart Paul Vella**
7. **Margaret mart Michael Hili u**
8. **Mariella Borg**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Ġunju, 2021, mir-rikorrent **Ronald Azzopardi (K.I. nru. 700661(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi umilment,*

1. *Illi permezz tal-kawża fl-ismijiet **'Francis Bonello et. v. Ronald Azzopardi et. noe.'** (Rik. Nru. 655/2005), l-atturi f'dawk il-proċeduri ossija Francis u Victoria konjuġi Bonello u, sussegwentement, Francis Bonello waħdu wara li b'digriet tas-6 ta' Lulju 2011, l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba biex l-atti jiġu trasfużi f'ismu u dan wara l-mewt ta' Victoria Bonello, kienu qegħdin jitolbu li l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti:*

   i. *Tiddikjara li l-konvenut ossija l-esponenti waqaf iħallas id-debiti tiegħu.*
   ii. *Tistabilixxi l-ġurnata taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti da parti tiegħu.*
   iii. *Tiddikjara li l-istess konvenut ossija l-esponenti jinsab fi stat ta' falliment u dan bi proċedura sommarja skont it-termini tal-artiklu 482(1) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta*
   iv. *Tiddikjara inoltre li l-istat ta' falliment tal-konvenut huwa frawdolenti*
   v. *Tinnomina u taħtar kuratur/i għall-konvenut sabiex jeserċita l-funzjonijiet mogħtija lilu fl-imsemmi Kap. 13.*

   *Bl-ispejjeż inklużi dawk atti kawtelatorji maħruġa qabel u kontestwalment ma' din il-proċedura u ta' interpellazzjonijiet uffiċjali u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti mill-atturi.*

2. *Illi l-esponenti kien wieġeb għal tali talbiet billi eċċepixxa s-segwenti :*

   i. *L-azzjoni intavolata mill-atturi hija intempestiva stante illi mhux minnu li l-atturi huma kredituri tal-konvenut kif allegat fiċ-ċitazzjoni.*
   ii. *Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni għall-falliment għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez stante illi l-eċċipjenti la hu kummerċjant u lanqas issospenda il-pagamenti.*
   iii. *Sussidjarjament mingħajr preġudizzju għall-premess fi kwalunkwe każ ma hemm ebda bażi legali biex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara xi ħadd fi stat ta' falliment frawdolenti.*
   iv. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u kull azzjoni oħra spettanti lill-eċċipjenti.*

3. *Illi sussegwentement, permezz tad-digriet datat 12 ta' Mejju, 2006 ġie awtorizzat li jintervjeni fil-kawża Frank sive Frenc Attard in* 'statu et terminis' *u u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2008 l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-atti f'isem MaryAnne née Cassar armla ta' Francesco Attard, Janette mart Johnny Agius, Miguel Attard, Carmela mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Hili.*

4. *Illi wkoll permezz ta' digrieti rispettivament datati 19 u 31 t'Awwissu, 2006 mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fuq rikors tal-atturi fil-proċeduri surreferiti l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba tal-istess atturi f'dawk il-proċeduri għall-ħatra ta' sekwestratur ġudizzjarju għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija*

*fosthom wara li qisiet li "*l-kawża qed isir kontra persuna proprio u mhux kontra l-kumpannija tiegħu, tiċħad it-talba" *(fol. 381 tal-proċess surreferit).*

5. *Illi permezz ta' sentenza* in parte *datata 15 ta' Novembru, 2016 il-kawża surreferita ġiet deċiża mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi, iddikjarat li l-esponenti waqaf milli jħallas id-debiti tiegħu fil-5 ta' Awwissu 2004, iddikjarat li l-istess esponenti hemm konvenut huwa fi stat ta' falliment, b'dan illi irriżervat li tipprovdi dwar ir-raba' talba attriċi fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proċeduri u kwindi hatret lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet skont it-Taqsima III tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** u ddiferixxiet l-kawża għall-eżami tal-inventarju li l-kuratur kellu jħejji skont l-artikolu 502 et seq tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**, għall-eżami tal-lista tal-kredituri skont l-artikolu 510(1) tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont l-artikolu 510(2) u (3) tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**.*

6. *Illi l-esponenti appella mill-istess sentenza datata 15 ta' Novembru, 2016 imma fis-7 ta' Jannar, 2020 l-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) iddeċidiet tali appell billi, għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, ċaħdet l-appell* in parte *tal-esponenti, ikkonfermat għal kollox is-sentenza in parte mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-istess appellant.*

7. *Illi fis-7 ta' Frar, 2020 l-esponenti ressaq ukoll talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża surreferita u hemmhekk ressaq, fost oħrajn, is-segwenti punti:*

    1. *Illi l-Onor. Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażina għall-każ billi naqset milli tikkunsidra l-art. 4(4) tal-**Att dwar il-Kumpanniji** u konsegwentement ikkunsidrat is-self mertu tal-azzjoni odjerna bħala att ta' kummerċ imwettaq mill-esponenti a tenur tal-art. 4 tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**, dana wara li kkunsidrat xi atti ta' kompravendita ta' immobbli imwettaq minn soċjetajiet li fihom l-esponenti huwa biss direttur u li kwindi għandhom persunalità ġuridika distina minn dik tar-rikorrenti a tenur tal-istess art. 4(4) tal-**Att dwar il-Kumpanniji.***
    2. *Illi l-atti kienu affetti minn żball li jidher mill-istess u wkoll li l-ġudikat tas-sentenza li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni kien imur kontra d-digrieti tal-Ewwel Onorabbli Qorti datati 19 t'Awwissu, 2006 u 31 t'Awwissu, 2006.*
    3. *Illi wkoll l-atti huma nulli a tenur tal-art. 789(1)(d) tal-**Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** in kwantu ma saret ebda garanzija kif tassattivament meħtieġ mill-art. 428(4) tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** fl-istess ħin li ssir it-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment.*

8. *Illi permezz tas-sentenza datata 25 ta' Frar, 2021 l-Onor. Qorti tal-Appell iddeċidiet tali ritrattazzjoni billi, għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, ċaħdet it-talbiet tal-esponenti bl-ispejjeż kontrih.*

9. *Illi l-esponenti jinsab aggravat mill-mod illi bih ġew ikkunsidrati u konsegwentement deċiżi il-proċeduri surreferiti u dana tenut kont tal-fatt illi aspetti serji, inklużi aspetti ta' nullità tal-atti li ġew imqajmin mill-esponenti, anke jekk fl-istadju tal-appell u anke jekk setgħu u kellhom jiġu sollevati mill-Onor Qorti anke* ex ufficio, *ġew sorvolati bħala merament fiergħa mill-Onor. Qorti tal-Appell skont is-sentenza tagħha hawn fuq ċitata u dana billi ġie pretiż illi l-esponenti kellu jqajjem tali punt u, anke wara li kien qajmu permezz tar-ritrattazzjoni, xorta waħda ma ġiex debitament ikkunsidrat.*

10. *Illi, kif jinsab regolarment deċiż mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali id-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi jaqa' fuq il-Qorti. Tali tmexxija trid isseħħ fl-ambitu tal-liġi kif rikjest mis-saltna tad-dritt ukoll billi mhux biss tikkunsidra fatturi li jistgħu jinċidu fuq il-validità tal-azzjoni anke billi tissolleva l-istess* ex ufficio *imma wkoll billi, ġjaladarba jiġu debitament sollevati minn parti tikkunsidrahom debitament u kwindi tgħaddi sabiex tiddeċidihom bil-ħaqq u skont il-ligi.*

11. *Illi kif jirriżulta ġjà mis-surreferit u kif ser jirriżulta aħjar matul it-trattazzjoni ta' dan il-każ, huwa ċar li l-Istat Malti naqas fil-konfront tal-esponenti proprju billi ma rax li jiġi żgurat fil-konfront tagħhom ukoll fil-proċeduri surreferiti l-adempiment mad-dmir tiegħu li l-esponenti jkollhom smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif surreferit u dana billi tħallew għaddejjin u s'issa ġew approvati proċeduri li għandhom jiġu kkunsidrati bħala pależament nulli.*

12. *Illi għaldaqstant huwa ċar li, tenut kont tas-surreferit, ġew leżi id-drittijiet fundamentali tal-esponenti għas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif rispettivament sanċiti permezz tal-art. 39 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u kif ukoll l-art 6 tal-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali kif reżi eżegwibbli mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u /jew opportuni, in vista tal-premess:*

(i) *Tiddikjara li, ukoll bil-fatti hawn esposti, ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protetti kemm mill-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll mill-art. 39 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement*

(ii) *Tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi bħala rimedju għas-surreferit inkluzż billi tiddikjara bħala nulli l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet 'Francis Bonello et. v. Ronald Azzopardi et. noe.' (Rik. Nru. 655/2005) inklużi allura s-sentenzi rispettivament datati ħmistax (15) ta' Novembru, elfejn u sittax (2016)*

*mogħtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u sebgħa (7) ta' Jannar, elfejn u għoxrin (2020) u ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar, elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mogħtija mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-istess ismijiet dana oltre li tillikwida u tordna l-ħlas ta' dak il-kumpens jew* just satisfaction *dovut mill-Istat Malti, inklużi d-danni kollha sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit jekk ikun il-każ u tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurgata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom hawn lamentata.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-istess intimati jew min minnhom minn issa nġunti in subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **l-Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'] ippreżentata fis-27 ta' Lulju, 2021, fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

*"Jesponu bir-rispett:-*

*Illi qabel mal-esponenti jgħaddi biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għandu jingħad li l-kawża fl-ismijiet Francis Bonello et v. Ronald Aquilina et noe, rikors numru 655/2005 (minn hawn 'l quddiem msejħa il-**"Kawża 655/2005"**), u li dwarha jirrigwardaw l-ilmenti tar-rikorrenti, għandha konnessjoni ma' kawżi oħra li jirrigwardaw l-istess mertu. Minħabba f'hekk ikun xieraq li qabel xejn jingħata sfond qasir tal-fatti li wasslu għal din il-kawża odjerna :-*

*i Il-mertu tal-Kawża 655/2005 jirrigwarda self li sar mill-miżżewġin Francis u Victoria Bonello (din tal-aħħar tinsab nieqsa) lir-rikorrent Ronald Azzopardi u l-martu Mariella Azzopardi Dan is-self ġie kkuntrattat permezz ta' żewġ skritturi privati, it-tnejn li huma ffirmati fit-2 ta' Lulju 2004. Fl-ewwel waħda (li minn hawn 'l quddiem ser tiġi msejħa "**Skrittura A**") Ronald Aquilina iddikjara li hu debitur tal-konjuġi Bonello fl-ammont ta' €512,462.15. Fit-tieni (li minn hawn 'l quddiem ser tigi msejħa "**Skrittura B**"), huwa ddikjara li hu debitur favur il-konjuġi Bonello ukoll għas-somma ta' €151,409.27.*

*ii Wara li r-rikorrent kien naqas li jrodd lura s-somom mislufin il-konjuġi Bonello kienu bdew il-Kawża 655/2005 fejn talbu li Ronald Azzopardi jiġi ddikjarat fi stat ta' falliment ai termini tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Fil-**15 ta' Novembru 2016** il-Qorti Ċivili Prim'Awla tat sentenza in parte fejn iddikjarat lil Ronald Azzopardi fi stat ta' falliment. Ronald Azzopardi appella min dik is-sentenza iżda l-appell tiegħu ġie miċħud. Wara huwa ressaq talba għar-ritrattazzjoni tal-appell u f'dik it-talba huwa qajjem għall-ewwel darba l-artikolu 482(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jitlob li min jagħmel talba għal dikjarazzjoni ta' falliment irid*

*jagħmel garanzija a favur min qed tintalab kontrih id-dikjarazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-**25 ta' Frar 2021** ċaħdet it-talba għal ritrattazzjoni.*

iii *Fiż-żmien bejn ir-reġistrazzjoni tar-rikors 655/2005 f'Lulju 2005 u l-għotja tas-sentenza in parte f'Novembru 2016, ir-rikorrent Ronald Azzopardi (ġieli flimkien ma' martu) nieda diversi proċedimenti ta' prima stanza kif ukoll tal-appell. Dawn ser jiġu elenkati waħda waħda kif ġej fil-punti s-segwenti.*

iv *Fil-kawża fl-ismijiet* Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et *bin-numru 73/2005 (minn hawn 'l quddiem msejħa il-**"Kawża 73/2005"**) Azzopardi attakka l-validità ta' Skrittura A u Skrittura B u talab li dawn jiġu ddikarat nulli. Filwaqt li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri tat-**3 ta' Marzu 2009** iddikjarat l-iSkrittura B nulla, l-iSkrittura A ġiet meqjusa valida u d-dejn deskritt fiha dovut. Azzopardi appella minn din is-sentenza għax pretenda li l-ammont dovut taħt Skrittura A kellu jkun anqas. Dan l-appell ġie miċħud.*

v *Fil-kawża fl-ismijiet* Ronald Azzopardi et vs Francis Bonello et *bin-numru 50/2009 (minn hawn 'l quddiem il-**"Kawża 50/2009"**) il-konjuġi Azzopardi kkontestaw mill-ġdid il-validità tal-iSkritturi A u B. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri tal-**11 ta' Ġunju 2011** ċaħdet it-talbiet f'dan ir-rigward peress li kkunsidrat li in kwantu Skrittura B il-mertu hu eżawrit stante li jeżisti ġudikat fil-Kawża 73/2005; u in kwantu Skrittura A, il-Kawża 73/2005 kienet tinsab fl-istadju tal-appell. Il-konjuġi Azzopardi appellaw minn dik is-sentenza iżda dak l-appell ġie ddikjarat deżert.*

vi *Fil-kawża fl-ismijiet* Francis Bonello vs Ronald Azzopardi et *bin-numru 231/2012 (Minn hawn 'l quddiem il-**"Kawża 231/2012"**), il-Qorti Ċivili Prim'Awla kkundannat lill-konjuġi Azzopardi jħallu s-somma ta' €512,462 skont Skrittura A flimkien mal-imgħax legali mit-2 ta' Lulju 2004. Il-konjuġi Azzopardi appellaw mill-prima stanza iżda l-appell ġie ddikjarat deżert.*

vii *Minkejja l-eżitu tal-Kawża 50/2009 u minkejja li l-Kawżi 231/2012 u 655/2005 kienu għadhom pendenti, fil-kawża fl-ismijiet* Ronald Azzopardi et vs Francis Bonello *bir-referenza 64/2014 il-konjuġi Azzopardi reġgħu għal darba oħra eċċepew in-nullità ta' Skrittura A (minn hawn 'l quddiem msejħa il-**"Kawża 64/2014"**). Fis-sentenza tagħha tal-**5 t'April 2016** Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri ċaħdet it-talba ta' Azzopardi stante li l-kwistjoni tal-validità ta' Skrittura A hija res judicata u li l-Kawża 64/2014 ġiet istitwita biss biex il-konjuġi Azzopardi jirbħu aktar żmien u jtawlu l-proċeduri l-oħra. Il-konjuġi Azzopardi appellaw dik is-sentenza iżda l-appell tagħhom ġie differit sine die.*

*Illi, il-fatti hekk meqjusa, l-esponenti sejjer issa jgħaddi biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu kif ġej u mingħajr preġudizzju għal xulxin :-*

**1.** *Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent dwar ksur ta' smigħ xieraq huwa bbażat fuq l-argument li l-Qorti tal-Appell kien messha laqgħetlu t-talba għal ritrattazzjoni minħabba l-allegat nuqqas ta' garanzija skont l-artikolu 482(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, l-esponenti jirrileva li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'proċeduri kostituzzjonali sabiex jittenta jikseb dak li ma rnexxilux fil-qrati ordinarji fil-proċedura ċivili. Kif inhu ferm stabbilit, kawża kostituzzjonali ma tistax tintuża bħala appell tat-tielet grad.*

**2.** *Illi d-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant,* audi alteram partem *u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.*

*Għalkemm ir-rikorrent kien attent li jesponi l-ilment tiegħu f'termini ta' difett proċedurali li jikkorrompi l-proċediment tal-Kawża 655/2005 fl-intier tagħha (u ċioé fil-prima stanza, fl-appell u f'dak li jirrigwarda ritrattazzjoni), fil-fatt dak li qed jilmenta minnu huwa d-determinazzjoni fil-mertu tat-talba għal ritrattazzjoni li huwa kien ressaq. Il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, mhuwiex illi tirrivedi s-sentenzi ta' qrati oħra jew biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi "sewwa" jew le. Għall-kuntrarju, l-kompitu tagħha huwa limitat għal determinazzjoni ta' jekk il-proċedimenti li taw lok għal dawk is-sentenzi kisrux id-dritt għal smigħ xieraq.*

**3.** *Illi f'dan ir-rigward ukoll, ir-rikorrent ma jilmentax li f'xi istanza tal-Kawża 655/2005 kien hemm ksur tal-prinċipji tal-imparzjalità u/jew ta'* audi alteram partem *minħabba li ma tħalliex iressaq a konjizzjoni tal-qorti presjedenti l-allegat nuqqas ta' garanzija skont l-artikolu 482(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u li jressaq talba f'dan is-sens. Anzi huwa kellu kull opportunità li jagħmel dan tul il-proċediment tal-Kawża 655/2005. Għal xi raġuni jew oħra r-rikorrent stess għażel li ma jqajjimx din il-kwistjoni fil-Kawża 655/2005 ħlief meta talab li ssir ritrattazzjoni.*

*Għall-kuntrarju ta' dak li jgħid ir-rikorrenti, mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell ma kkunsidratx dan il-punt tal-garanzija; il-kwistjoni li kellha quddiemha kienet jekk in-nuqqas ta' din il-garanzija kinitx raġuni biżżejjed biex issir ritrattazzjoni u l-Qorti tal-Appell espressament ippronunzjat ruħha dwar din il-kwistjoni fin-negattiv. B'hekk it-talba tar-rikorrenti f'dak l-istadju instemgħet u ġiet deċiża, u għaldaqstant hija tassew infondata l-pretensjoni tar-rikorrenti li dik it-talba tiegħu ġiet b'xi mod injorata.*

**4.** *Illi anke jekk il-garanzija rikjesta fl-artikolu 482(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ ma saritx, dak id-difett ma jkunx biżżejjed biex iwassal għan-nullità tal-atti tal-Kawża*

*655/2005 u wisq anqas biex iwassal għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. L-eżami ta' jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le għandu jkun komprensiv tal-elementi kollha tal-kawża in kwistjoni u għandu jkun ibbażat fuq l-iter intier tal-proċediment ġudizzjarju. Kif irriteniet diversi drabi l-Qorti Kostituzzjonali wieħed ma jistax sempliċement jiffoka fuq xi parti biss tal-proċess ġudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun xi jkun, allura wieħed ineżorabilment ikollu jikkonkludi li l-proċess ġudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat.*

*Biżżejjed jingħad li jekk kien hemm nuqqas tal-garanzija dan kien mingħajr xkiel għal proċediment tal-Kawża 655/2005, speċjalment minħabba l-fatt illi fl-istadju meta r-rikorrent qajjem l-ewwel darba din il-kwistjoni huwa kien diġà ġie dikjarat fi stat ta' falliment fis-sentenza in parte tal-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-15 ta' Novembru 2016, u dan ġie kkonfermat fl-appell. Għalhekk jekk kienx hemm garanzija jew le huwa pjuttost irrilevanti stante li din tiggarantixxi ħlas ta' penali f'każ li min jitlob dikjarazzjoni ta' falliment ma jirnexxilux jipprova dak il-falliment.*

***5.*** *Illi għalkemm fil-premessi tar-rikors tiegħu r-rikorrent ma jqajjem l-ebda punt dwar żmien raġonevoli, fl-ewwel talba tiegħu huwa jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li ġew vjolati d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq* fi żmien raġonevoli. *Ir-rikorrent għandu jikkjarifika fid-dawl ta' dan jekk huwiex qed jilmenta dwar iż-żmien tal-proċeduri fil-Kawża 655/2005.*

***6.*** *Illi bla ħsara għall-premess u jekk ir-rikorrent qed jilmenta fuq smigħ fi żmien raġonevoli, jingħad li għalkemm il-kawża ċivili damet dan ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku għandu jinstab li kien hemm dewmien inġustifikat. Tabilħaqq hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Għalhekk, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tkun eżaminata fl-intier tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

***7.*** *Illi huwa aċċettat ukoll li ma hemm l-ebda* time limit *li qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

***8.*** *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrent nomine jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Propriju fil-każ tal-lum id-dewmien sa ma ngħatat is-sentenza in parte tal-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-15 ta' Novembru 2016 ma kienx wieħed kappriċċjuż jew irraġonevoli.*

*Dan kien pjuttost dovut minħabba n-natura teknika ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' falliment, speċjalment peress li jridu jiġu msejħa l-kredituri tal-*

*intimat kif ukoll ried jinħatar kuratur. Il-Kawża 655/2005 appuntu tkompli sal-lum peress li l-kuratur appuntat beda biss f'dawn l-aħħar ġimgħat jespleta l-kariga tiegħu wara li l-appell u t-talba għal ritrattazzjoni intavolati mir-rikorrent stess ġew deċiżi. Apparti minn hekk kien hemm proliferazzjoni ta' diversi kawżi konnessi fil-mertu, u li nieda r-rikorrenti stess, li għamlu l-Kawża 655/2005 aktar kumplessa u kien saħansitra r-rikorrent stess li talab li l-Kawża 655/2005 tieqaf pendenti l-eżitu tal-Kawża 64/2014.*

**9.** *Illi anke jekk wieħed iħares lejn il-verbali tal-kawża ma jidhirx li kien hemm xi nuqqasijiet tal-qrati. Anzi l-Kawża 655/2005 ġiet differita għal xi żmien biex tistenna l-eżitu ta' proċedimenti oħra u tal-appell intavolat mir-rikorrent (hemmhekk intimat) kif ukoll tat-talba għal ritrattazzjoni li ukoll għamel ir-rikorrent.*

**10.** *Illi għar-raġunijiet kollha fuq esposti l-ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jimmerita li jiġi miċħud.*

**11.** *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu".*

Rat li l-intimati l-oħra għażlu li ma jweġbux.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2022, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati rispettivament mir-rikorrent u mill-intimat Avukat tal-Istat.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Jirriżulta li l-intimat Francis Bonello [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Bonello'] u martu Victoria Bonello, intavolaw proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Francis Bonello et *vs.* Ronald Azzopardi et noe**, Rikors nru. 655/2005, fejn filwaqt li ddikjaraw li r-rikorrent kien waqaf iħallas id-debiti tiegħu, talbu sabiex dik il-Qorti tistabbilixxi l-ġurnata fejn huwa kien waqqaf il-pagamenti tiegħu, u skont il-proċedura sommarja *ai termini* tas-subartikolu 482(1) tal-Kap. 13, tiddikjara li r-rikorrent kien f'stat ta' falliment. Mal-mewt ta' Victoria Bonello, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, permezz ta' digriet tas-6 ta' Lulju, 2011, laqgħet it-talba tal-intimat Bonello sabiex l-atti jiġu trasfużi f'ismu. Intalab ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara li dan il-falliment kien wieħed frawdolenti, u sabiex tinnomina u taħtar kuratur/i bil-għan li dan jeżerċita l-funzjonijiet kif imfissra fil-Kap. 13. Ir-rikorrent Ronald Azzopardi kien ċaħad l-allegazzjonijiet billi eċċepixxa li: (i) l-azzjoni kienet intempestiva stante li l-konjuġi Bonello ma kienux kredituri tiegħu; (ii) huwa la kien kummerċjant u lanqas kien issospenda l-pagamenti tiegħu; (iii) ma kien hemm l-ebda bażi legali fejn il-Qorti setgħet tiddikjara xi ħadd f'stat ta' falliment frawdolenti; u (iv) salv eċċezzjonijiet ulterjuri u kull azzjoni oħra spettanti lilu. Aktar tard waqt l-imsemmija proċeduri, kien ġie awtorizzat li jintervjeni fil-kawża Frank sive Frenċ Attard *in statu et terminis* permezz ta' digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju, 2006, u permezz ta' digriet ieħor tagħha tas-7 ta' Jannar, 2008, ġie ordnat li għandhom jiġu trasfużi l-atti f'isem MaryAnne née Cassar armla ta' Francesco Attard, Janette mart Johnny Agius, Miguel Attard, Carmela mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Hili. Fl-istess proċeduri l-Qorti ċaħdet it-talba tal-atturi għall-ħatra ta' sekwestratur ġudizzjarju għar-raġunijiet imfissra fid-digriet tagħha. Fil-15 ta' Novembru, 2016, il-kawża ġiet deċiża *in*

*parte* fejn il-Qorti Ċivili, Prim'Awla laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li ddikjarat li r-rikorrent kien waqaf milli jħallas id-debiti tiegħu fil-5 ta' Awwissu, 2004, u li huwa kien f'stat ta' falliment, b'riżerva li tipprovdi dwar ir-raba' talba attrici fi stadju ulterjuri. Dan filwaqt li ħatret lill-Avukat Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet li tipprovdi għalihom it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u b'hekk iddiferiet il-kawża (a) għall-eżami tal-inventarju li kellu jsir mill-kuratur *ai termini* tal-artikolu 502 *et seq.* tal-Kap. 13; (b) għall-eżami tal-lista tal-kredituri skont is-subartikolu 510(1) tal-Kap. 13; u (ċ) sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont is-subartikolu 510(2) u 510(3) tal-Kap. 13. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza, iżda l-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ċaħdet l-appell tiegħu *in parte,* filwaqt li kkonfermat is-sentenza. Imbagħad fis-7 ta' Frar, 2020, ir-rikorrent ressaq talba għal ritrattazzjoni, fejn irrileva s-segwenti: (i) il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) applikat il-liġi ħażin meta naqset milli tikkunsidra s-subartikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji; (ii) l-atti kienu affetti minn żball fis-sentenza u l-ġudikat tas-sentenza li tagħha kien qegħda tintalab ir-ritrattazzjoni, kien imur kontra d-digrieti tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tad-19 ta' Awwissu, 2006 u tal-31 ta' Awwissu, 2006; (iii) l-atti huma nulli a tenur tal-para. (d) tas-subartikolu 789(1) tal-Kap. 12 għaliex ma saret l-ebda garanzija kif tassattivament rikjesta mis-subartikolu 428(4) tal-Kap. 13. Permezz tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar, 2021, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ċaħdet it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontrih. Jissottometti li huwa jinsab aggravat bil-mod li ġew ikkunsidrati u deċiżi dawn il-proċeduri suriferiti, għaliex aspetti serji, inkluż in-nullità tal-atti, ġew sorvolati bħala fiergħa mill-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrent jirrileva li kif jinsab deċiżi minn din il-Qorti, id-dmir ewlieni li jitmexxew il-kawżi jaqa' fuq il-Qorti, li għandha tikkunsidra fatturi li jistgħu jinċidu fuq il-validità tal-azzjoni, anki billi tissollevahom *ex ufficio,* imma wkoll billi tikkunsidrahom u tiddeċidihom bil-ħaqq u skont il-liġi meta

ppreżentati minn parti. Jikkontendi li huwa ċar li l-Istat Malti naqas fil-konfront tiegħu għaliex m'assigurax li fil-konfront tiegħu waqt il-proċeduri suriferti, li huwa jkollu smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, billi tħallew u saħansitra ġew approvati proċeduri li għandhom jiġu kkunsidrati bħala pależament nulli. Isostni li għalhekk ġew leżi id-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni'] kif reżi eżegwibbli mill-Kap. 319. Għalhekk, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li riżultat tal-fatti fuq esposti, ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u konsegwentement sabiex tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi billi tiddikjara nulli l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, inklużi s-sentenzi tal-15 ta' Novembru, 2016, tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u tas-7 ta' Jannar, 2020, u tal-25 ta' Frar, 2021, tal-Qorti tal-Appell, oltre li tillikwida u tordna l-ħlas ta' dak il-kumpens jew *just satisfaction* dovut mill-Istat Malti, inklużi d-danni kollha sofferti minnu riżultat tal-fatti suriferiti jekk ikun il-każ, u tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurġata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom.

4. L-intimat Avukat tal-Istat wara li jispjega l-isfond tal-fatti li waslu għall-proċeduri odjerni, jilqa' billi jeċċepixxi s-segwenti: (i) għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent li l-Qorti tal-Appell kellha tilqa' it-talba tiegħu għal ritrattazzjoni stante in-nuqqas ta' garanzija *ai termini* tas-subartikolu 482(4) tal-Kap. 13, kawża kostituzzjonali ma tistax tintuża bħala appell tat-tielet grad; (ii)

id-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu; (iii) ir-rikorrent mhux qed jilmenta li f'xi istanza tal-proċeduri bir-Rikors nru. 655/2005 kien hemm ksur tal-prinċipji tal-imparzjalità u/jew ta' *audi alteram partem* meta ma tħalliex iressaq a konjizzjoni tal-qorti presjedenti l-allegat nuqqas ta' garanzija skont is-subartikolu 482(4) tal-Kap. 13 u li jressaq talba f'dan is-sens, iżda għażel li mbagħad iqajjem il-kwistjoni meta talab li ssir ritrattazzjoni, u liema kwistjoni mbagħad ġiet deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell; (iv) anki jekk il-garanzija rikjesta fis-subartikolu 482(4) tal-Kap. 13 ma saritx, id-difett ma jkunx biżżejjed sabiex iwassal għan-nullità tal-atti tar-Rikors nru. 655/2005, f'liema proċeduri r-rikorrent kien ġie ddikjarat fi stat ta' falliment kif sussegwentement ikkonfermat fl-appell, u wisq anqas biex iwassal għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fejn l-eżami għandu jkun imsejjes fuq l-iter intier tal-proċediment ġudizzjarju; (v) ir-rikorrent għandu jikkjarifika jekk l-ilment tiegħu dwar nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli jolqotx iż-żmien tal-proċeduri tar-Rikors nru. 655/2005; (vi) jekk ir-rikorrent qed jilmenta minn nuqqas ta' smigħ fi żmien raġonevoli, skont il-ġurisprudenza kostanti u stabbilita, l-irraġonevolezza taż-żmien għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fejn il-proċedura ġudizzjarja trid tkun eżaminata fl-intier tagħha u mhux element wieħed jew parti mill-proċedura; (vii) m'hemm l-ebda żmien li l-Qorti hija marbuta li tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha, għaliex altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta; (viii) irid jiġi ppruvat mhux biss it-tul tal-proċeduri, iżda wkoll li dan kien wieħed kapriċċjuż u ntiż biex jiżvantaġġa lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi, u dan ma setax jingħad fir-rigward tal-proċeduri li wasslu għas-sentenza *in parte* tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tal-15 ta' Novembru, 2016; (ix) mill-verbali ma kienx jidher li kien hemm xi nuqqasijiet tal-qrati, anzi r-Rikors nru.

655/2005 ġie differit sal-eżitu ta' proċedimenti oħra u tal-appell intavolati mir-rikorrent, u kif ukoll tat-talba għal ritrattazzjoni magħmula wkoll mir-rikorrent; (x) għal dawn ir-raġunijiet l-ilment tar-rikorrent dwar ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jistħoqqlu jiġi miċħud; salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Provi u riżultanzi**

5. Ir-rikorrent ippreżenta nota fis-16 ta' Awwissu, 2021, li permezz tagħha esebixxa l-affidavit tiegħu. F'dan l-affidavit jibda billi jgħid li huwa nvolut fil-proċeduri **Francis Bonello et *vs.* Ronald Azzopardi et noe**, Rikors nru. 655/2005, fejn l-atturi Francis u Victoria konjuġi Bonello u aktar tard Francis Bonello waħdu permezz tad-digriet tas-6 ta' Lulju, 2011, fejn il-Qorti Ċivili, Prim'Awla laqgħet it-talba tiegħu għat-trasfużjoni tal-ġudizzju wara l-mewt ta' martu Victoria Bonello, kienu qegħdin jitolbu sabiex dik il-Qorti tiddikjara fost affarijiet oħra li huwa jiġi ddikjarat li waqaf il-ħlas tad-debiti tiegħu, u għalhekk jiġi ddikjarat li jinsab f'stat ta' falliment, u jinħatar kuratur/i, bl-ispejjeż kontrih. Huwa kien wieġeb billi eċċepixxa li: (i) l-azzjoni kienet intempestiva stante li l-konjuġi Bonello ma kienux kredituri tiegħu; (ii) mingħajr preġudizzju huwa la kien kummerċjant u lanqas kien issospenda l-pagamenti tiegħu; (iii) mingħajr preġudizzju ma kien hemm l-ebda bażi legali fejn il-Qorti setgħet tiddikjara xi ħadd fi stat ta' falliment frawdolenti; u (iv) salv eċċezzjonijiet ulterjuri u kull azzjoni oħra spettanti lilu. Aktar tard waqt l-imsemmija proċeduri, kien ġie awtorizzat li jintervjeni fil-kawża Frank sive Frenċ Attard *in statu et terminis* permezz ta' digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju, 2006, u permezz ta' digriet ieħor tagħha tas-7 ta' Jannar, 2008, ġie ordnat li l-atti għandhom jiġu trasfużi f'isem MaryAnne née Cassar armla ta' Francesco Attard, Janette mart Johnny Agius,

Miguel Attard, Carmela mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Hili. Fl-istess proċeduri l-Qorti ċaħdet it-talba tal-atturi għall-ħatra ta' sekwestratur ġudizzjarju għar-raġunijiet imfissra fid-digriet tagħha. Fil-15 ta' Novembru, 2016, il-kawża ġiet deċiża *in parte,* fejn il-Qorti Ċivili, Prim'Awla laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li ddikjarat li Ronald Azzopardi kien waqaf milli jħallas id-debiti tiegħu fil-5 ta' Awwissu, 2004, u li kien f'stat ta' falliment, b'riżerva li tipprovdi dwar ir-raba' talba attrici fi stadju ulterjuri. Dan filwaqt li ħatret lill-Avukat Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet li tipprovdi għalihom it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u b'hekk iddiferiet il-kawża (a) għall-eżami tal-inventarju li kellu jsir mill-kuratur *ai termini* tal-artikolu 502 *et seq.* tal-Kap. 13; (b) għall-eżami tal-lista tal-kredituri skont is-subartikolu 510(1) tal-Kap. 13; u (ċ) sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont is-subartikolu 510(2) u 510(3) tal-Kap. 13. Ir-rikorrent qal li huwa kien appella minn dik is-sentenza, iżda l-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ċaħdet l-appell tiegħu, filwaqt li kkonfermat is-sentenza. Imbagħad fis-7 ta' Frar, 2020, huwa talab għal ritrattazzjoni fejn irrileva s-segwenti: (i) il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) applikat il-liġi ħażin meta kkunsidrat li s-self mertu tal-kawża kien att ta' kummerċ imwettaq minnu personalment, wara li kkunsidrat xi atti ta' kompravendita ta' immobbli minn soċjetajiet li fihom huwa kien biss direttur; (ii) l-atti kienu affetti minn żball li jidher mill-istess u anki li l-ġudikat tas-sentenza li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni kien imur kontra d-digrieti tal-Ewwel Onorabbli Qorti datati 19 t'Awwissu, 2006 u 31 t'Awwissu, 2006; (iii) l-atti kienu nulli a tenur tal-para. (d) tas-subartikolu 789(1) tal-Kap. 12, għaliex ma saret l-ebda garanzija kif tassattivament rikjesta mis-subartikolu 428(4) tal-Kap. 13. Permezz tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar, 2021, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ċaħdet it-talba tiegħu, bl-ispejjeż kontrih. Sadanittant, jgħid ir-rikorrent, ħadd mill-atturi ma kien għamel

riferiment għal xi garanzija li setgħet saret minnhom skont il-liġi. Iżda l-Qorti tal-Appell kienet iddikjarat li huwa seta' jissolleva l-kwistjoni fil-proċeduri ta' falliment anki jekk din kif magħruf hija kwistjoni ta' nullità. Huwa fil-fatt hekk għamel, u l-atturi għamlu riferiment għal xi depożitu li huma kienu għamlu, iżda fejn indikaw artikolu tal-liġi li taħtu sar l-imsemmi depożitu li jikkontendi ma jidhirx li jaqbel, u dan aktar minn ħmistax-il sena wara li nfetħet il-kawża. Jissottometti li huwa jinsab aggravat bil-mod li ġew ikkunsidrati u deċiżi dawn il-proċeduri suriferiti għaliex aspetti serji, inkluż in-nullità tal-atti, ġew sorvolati bħala fiergħa mill-Qorti tal-Appell. Filwaqt li jiddikjara li huwa jifhem li fi proċeduri bħal dawk odjerni, il-Qorti ma tistax tintrometti ruħha fi kwistjonijiet ta' mertu għajr sabiex tara li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew imħarsa, ikkontenda li ma setax ma jiġix osservat li l-proċeduri ta' falliment li qed isiru fil-konfront tiegħu ġew dikjarati mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri permezz ta' sentenza tagħha tat-3 ta' Marzu, 2006, fl-ismijiet **Ronald Azzopardi *vs.* Francis Bonello** (Cit. Nru. 73/2005) li huma naxxenti minn dejn li l-istess Qorti ddikjarat li huwa fil-parti l-kbira tiegħu wieħed fittizju, u li huwa kien ġie sfurzat jiffirma għalih kontra r-rieda tiegħu. Ir-rikorrent iddikjara li huwa qed iressaq il-kawża preżenti għaliex iħoss li d-drittijiet tiegħu fil-proċeduri tal-falliment ġew miksura. Spjega li huwa kien qajjem il-kwistjoni tan-nullità ta' dawk il-proċeduri, iżda minflok ġie deċiż dan il-punt kif kellu jsir, il-Qorti qalet li huwa kellu jerġa' jistenna u jqajjem il-punt quddiem l-Ewwel Qorti li kellha tkompli tisma' il-proċeduri għall-falliment tiegħu. Ir-rikorrent isostni li dan kien aspett serju ħafna, fejn il-kawża kellha tiġi ddikjarata nulla u l-punt trattat mill-ewwel u deċiż, anzi kellha tkun il-Qorti li tqajmu u tikkunsidrah minnufih. Qal li tliet xhur wara, fid-data li huwa kien qed jagħmel l-affidavit tiegħu, il-punt ma kienx għadu deċiż. Ir-rikorrent irrileva li d-dmir ewlieni li jitmexxew il-kawżi jaqa' fuq il-Qorti, li għandha tikkunsidra

fatturi li jistgħu jinċidu fuq il-validità tal-azzjoni, anki billi tissollevahom *ex ufficio,* iżda wkoll billi tikkunsidrahom u tiddeċidihom bil-ħaqq u skont il-liġi meta ppreżentati minn parti. Ir-rikorrent sostna li jekk jiġi kkunsidrat il-proċess kollu li kien u li għadu jinsab għaddej kontrih, jinstab li huwa ma ngħatax proċess ġust għaliex kwistjoni deċiża mill-Qorti tbiddlet f'deċiżjoni finali b'mod li ma kinitx konsistenti ma' dak deċiż mill-istess Qorti, imma minn Imħallef differenti, fejn il-Qorti kienet fehmet li huwa ma jistax jinżamm personalment responsabbli għal ħwejjeg kummerċjali li saru jew li setgħu saru minn kumpanniji li fihom huwa kien biss direttur. Barra minn hekk, kawża li kellha tiġi ddikjarata nulla mill-ewwel, kienet tħalliet titkompla fil-konfront tiegħu, u dan mhux biss għaliex il-Qorti stess ma fittxitx jekk dak rikjest mil-liġi kienx ġie eżegwit, iżda wkoll meta qajjem il-kwistjoni huwa stess, intalab li jindirizza l-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti li minnha huwa kien appella. Flimkien mal-affidavit tiegħu, ir-rikorrent esebixxa kopja ta' digriet tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tal-31 ta' Awwissu, 2006[1], kopja ta' digriet ieħor tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tas-17 ta' Awwissu, 2006, u kopja ta' sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tal-15 ta' Novembru, 2016, fl-ismijiet **Francis Bonello et *vs.* Ronald Azzopardi et** (Cit. nru. 655/2005AF).[2]

6. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2022, xehed **l-Avukat Louis Cassar Pullicino**, prodott mir-rikorrent. Ikkonferma li huwa kien ġie nominat bħala kuratur wara li r-rikorrent kien ġie ddikjarat fi stat ta' falliment. Spjega li din il-kariga kienet tirrikjedi li jitħejja inventarju dwar l-attiv u l-passiv tad-debitur, flimkien ma' informazzjoni dwar kredituri tal-falliment. Għalhekk wara ix-xhud żamm xi seduta jew tnejn mar-rikorrent u l-avukat tiegħu, u wara li saru xi

[1] Dok. A *a fol.* 17.
[2] Dok. B *a fol.* 19.

riċerki fl-insinwa wkoll, huwa kien ippreżenta abbozz tar-rapport tiegħu lill-avukati għall-verifika. Qal li fl-aħħar laqgħa li huwa kellu mar-rikorrent fl-uffiċċju tal-avukat tiegħu, kien staqsih jekk kellux kotba tal-kummerċ, u jekk iva biex fil-każ ikun jista' igħaddihomlu, stante li dan kien wieħed mill-obbligi tiegħu fil-kariga ta' kuratur. Iżda r-rikorrent kien qallu li huwa ma kellux kotba tal-kummerċ għaliex huwa qatt ma kien fil-kummerċ. Iddikjara li huwa ma kellux informazzjoni li r-rikorrent kellu xi permess jew liċenzja, u ma kien għamel l-ebda verifika jekk kienx reġistrat għall-fini tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

7. Permezz ta' nota ppreżentata fit-18 ta' Marzu, 2022, ir-rikorrent esebixxa dikjarazzjoni maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi li huwa qatt ma kien reġistrat għall-fini tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

8. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat, filwaqt li jissottometti li safejn l-argument tar-rikorrent huwa li l-Qorti tal-Appell kien messha laqgħet it-talba tiegħu għal ritrattazzjoni minħabba l-allegat nuqqas ta' garanzija *ai termini* tas-subartikolu 482(4) tal-Kap. 13, jikkontendi li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'proċeduri kostituzzjonali sabiex jittanta jikseb dak li ma rnexxilux fil-qrati ordinarji fil-proċedura ċivili. Isostni li kif huwa ferm stabbilit, kawża kostituzzjonali ma tistax isservi t'appell tat-tielet grad.

9. Il-Qorti kkunsidrat dak kollu li qed jippremetti r-rikorrent fir-rikors tiegħu, u anki dak li qed jitlob minnha. Tgħid li l-intimat Avukat tal-Istat għandu raġun. Wara li r-rikorrent jagħti spjegazzjoni dwar il-fatti li waslu għall-ilment tiegħu quddiem din il-Qorti, jissottometti li huwa jinsab aggravat minn kif ġew

ikkunsidrati u anki deċiżi l-proċeduri in kwistjoni, għaliex il-Qorti tal-Appell (Superjuri) skartat bħala merament fiergħa aspetti serji, anki dawk tan-nullità tal-atti, li huwa kien issolleva anke jekk fl-istadju tal-appell, u anki jekk setgħu u kellhom jiġu ssollevati mill-Qorti *ex officio.* Ikompli jgħid li meta mbagħad qajjem il-punt permezz tar-ritrattazzjoni, dan xorta waħda baqa' ma ġiex debitament ikkunsidrat. Filwaqt li tikkunsidra li jidher li dan huwa l-ilment prinċipali tar-rikorrent li qed jitressaq quddiemha, il-Qorti tqis li jkun utli li tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha wara r-rikors tar-rikorrent għar-ritrattazzjoni tal-appell tiegħu:

> *"19. Però dak l-ilment kellu jitqajjem fil-proċeduri ta' falliment. L-argument li l-Qorti kellha tqajjem dik il-materja* ex officio *u n-nuqqas iwassal għan-nullità tal-proċeduri, hija fiergħa. Kien l-obbligu tar-rikorrent li jiddefendi ruħu bl-aħjar mod. Ir-rikorrent ma jistax jinqeda bin-nuqqas tiegħu stess biex jipprova jimmotiva t-talba għal ritrattazzjoni."*

10. Wara li ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li qalet hawn il-Qorti tal-Appell (Superjuri), din il-Qorti tagħraf li l-ilment tar-rikorrent mhuwiex wieħed li b'xi mod jew ieħor jolqot id-drittijiet fundamentali tiegħu u l-ksur o meno tagħhom. Mill-ewwel tosserva li l-ilment tiegħu jikkostitwixxi sempliċi kontestazzjoni ta' fehma li tennew id-diversi Qrati li kkunsidraw dan il-punt. Kif ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **J.E.M. Investments Ltd *vs.* Avukat Ġenerali et** tat-30 ta' Settembru, 2011:

> *"23. ... id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (Application 6172/73, X v. U.K.)".*

11. B'hekk il-Qorti ma tarax li għandha teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha stante li l-kwistjoni mqajjma mir-rikorrent mhijiex waħda li taqa' fil-parametri stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319 li jikkonferixxu fuqha dawn is-setgħat. Il-Qorti tagħraf li r-rikorrent saħansitra jittanta jagħti xejra oħra lill-ilment proprju tiegħu fir-rigward ta' dak li ġie deċiż kontrih mill-Qorti tal-Appell (Superjuri), anki permezz tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni, billi jissottometti li n-nuqqas jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Iżda l-Qorti tgħid li bl-ebda mod l-ilment tiegħu ma jista' jitqies li jaqa' fl-ambitu ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif qed jikkontendi, u jista' jitqies biss bħala appell minn dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) wara r-rikors tiegħu għal ritrattazzjoni.

12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib ġustifikata u qegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, u stante li dan ifisser li hija għandha tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, hija ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat l-Avukat tal-Istat, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu; u**

2) **Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kollha mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**